SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 34/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/09/'07** **223**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/09/'07** **276**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru, 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fin-12.30 p.m.

1.03 Preżenti: is-Seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-20 ta' Settembru 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Tender re Tindif u Manutenzjoni 'Parks & Gardens'.
4. Magażine.
5. Proġetti:- Triq Sant Elija;
   Ġnien Saver Zarb.

6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 33/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 33/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3437 | Estratt mit-Times of Malta datata 30 ta' Lulju 2007 rigward *Local Council's responsibility for damages.* |
| 3473 | Ittra mingħand l-Avv Massimo Vella għan-nom ta' Faces Consultants Ltd rigward xogħolijiet li qed isiru fuq il-bankini tal-lokalita'. |
| 3746/K638/3043 | Ittra mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent rigward il-Bus Shelter tan-naħa tal-Ġnien ta' Spinola. |
| 3660 | Ittra mingħand l-Eden Foundation rigward Edenfest '07. |
| 3745 | Ittra mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward id-Devoluzzjoni tal-Kuridur Ekoloġiku, Ta' Ġiorni. |
| 3751 | Pjanti mingħand il-Perit Lino Cachia rigward it-tqegħid ta' Kiosks fil-festi tal-Balluta u San Ġiljan. |
| 3831/K871/3943 & 4137 | Ittri mingħand is-Sur Pierre Agius rigward parteċipazzjoni fil-programm *Ħadd Għalik?!* |

3967 Memo 20/2007 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Proċess għall-bidla għall-Ewro.

Int.Memo 1/2007 3496&4062 Ittri mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Riforma fil-Ġbir ta' Skart.

4018 Ittra mingħand l-MP&DC rigward *Survey of an open area adjacent to Westin Dragonara Hotel.*

4057 Ittra mingħand Schranz Ltd rigward il-Playing Field ta' Ta' Ġiorni.

4067&4105 Ittra mingħand il-Peninsula Investments Ltd rigward *Widening of footpath* fi Triq Dragonara.

4079 Ittra mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq rigward proposta ta' Tismija ta' Triq ġdida mill-Kunsill Lokali Pembroke u San Ġiljan.

4131 Ittra mingħand il-Kumitat organizzattiv tal-Qala rigward il-Qala International Folk Festival.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 3746

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent rigward il-Bus Shelter tan-naħa tal-Ġnien ta' Spinola, u ġie deċiż unanimament li din tiġi riferuta lill-Faces Consultants Ltd.

2.03 Rif. Nru. 3660

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Eden Foundation rigward Edenfest '07, ġie deċiż unanimament li jingħataw donazzjoni ta' Lm50 (€116.50) u li l-Viċi Sindku jattendi din l-attivita'.

2.04 Rif. Nru. 3751

Iċ-Chairman ressaq żewġ pjanti li saru, fuq suġġeriment tiegħu, mill-Perit Lino Cachia dwar kif għandu jsir l-armar tal-gabbani fil-festi ta' San Ġiljan u l-Balluta. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill approva unanimament il-pjanti kif

ġew ippreżentati. Din id-deċiżjoni ser tiġi 'invigore' mis-sena 2008 il-quddiem.

2.05 Rif. Nru. 3831

B'riferenza għall-ittra mingħand Where's Everybody rigward il-parteċipazzjoni fil-programm Ħadd Għalik?!, ġie deċiż unanimament li l-Viċi Sindku jirrappreżenta lill-Kunsill u li jiġu avviċinati s-Sur John Agius u s-Sur Albert Storace biex jikkonfermaw jekk jaċċettawx li jipparteċipaw.

2.06 Il-Kunsillier David Borg wasal fis-12.55p.m.

2.07 Rif. Nru. 3967

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Proċess għall-Bidla għall-Ewro, ġie deċiż unanimament li jinxtara l-'multi currency module' għall-prezz ta' Lm88.50 (€206.21).

2.08 Rif. Nru. Int. Memo 1/2007, 3496 & 4062

B'riferenza għad-dokumenti fuq il-***Proposal for the reform of the Waste Collection Mechanism*** il-Kunsill ma kellux kummenti xi jressaq.

2.09 Rif. Nru. 4018

B'riferenza għall-ittra mingħand l-MP&DC rigward stima għal ***Survey of an open area adjacent to Westin Dragonara Hotel*** ġie deċiż unanimament li dan isir u li jiġi nfurmat il-Dipartiment ta' l-Artijiet, Taqsima Proprjeta' tal-Gvern permezz tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.10 Rif. Nru. 4067 u 4105

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Peninsula Investments Ltd. rigward ***Widening of footpath*** fi Triq Dragonara, u l-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili rigward talba tal-Kunsill biex issir laqgħa magħhom rigward l-istess suġġett, ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ l-appuntament isir għal wara nofs in-nhar, u jiġu nfurmati l-Kunsilliera sabiex min irid jattendi; **u**

- ✓ Tintbagħat kopja ta' l-ittra tal-Peninsula Investments Ltd. lill-MEPA.

2.11 Rif. Nru. 4079

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq rigward proposta mibgħuta lilhom mill-Kunsill Lokali Pembroke u San Ġiljan għat-tismija ta' triq ġdida, ġie deċiż unanimament illi l-kumitat jiġi nfurmat li l-Kunsill għadu bl-istess fehma. Jiġifieri lit-triq tissemma Triq l-Ewropa.

2.12 Rif. Nru. 4131

B'riferenza għall-Qala International Folk Festival il-Kunsill ġie nfurmat illi wara l-attivita' li ser issir il-Ġimgħa filgħaxija, 28 ta' Settembru 2007 f'Xatt is-Sajjieda, fuq stedina li saret mill-Kumitat organizattiv tal-Qala, is-Sindku ser jitla' Għawdex mill-Ġimgħa filgħaxija sat-Tnejn filgħodu. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku jingħata t-**travelling** u **subsistence allowance**.

2.13 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li s-serata tal-ġimgħa filgħaxija ser tibda fis-6.30.

## 3 Tender re Tindif u Manutenzjoni 'Parks & Gardens'

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona li t-tender jingħata lill-Environmental Landscape Consortium.

3.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4 Magażine

4.01 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur John Agius nfurmah verbalment li ma jistax jaċċetta li jingħata Lm 200

għal kull ħarġa tal-magażine, minħabba li dan l-ammont ma jkoprix l-ispejjeż involuti. Għaldaqstant il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' kwotazzjonijiet fir-rigward il-publikazzjoni tal-magażine (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsillier Richard Scicluna ippropona li:-

- ✓ tiġi aċċettata l-kwotazjoni tal-Union Print Co Ltd. għall-ammont ta' Lm450.45 u li s-Sur John Agius ikun responsabbli għal kollox.
- ✓ It-tqassim tal-magażine jibda jsir jew mid-Door to Door Distributions jew mill-Maltapost.

4.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera sabiex jippreparaw il-*write up* u ritratt għall-magażine li jmiss sal-15 t'Ottubru 2007.

**5 Proġetti:- Triq Sant Elia**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istima riveduta ta' Triq Sant' Elia hija ta' Lm118,269.65 ( Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Finanzi mwarba fuq dan il-proġett ġejjin mis-sena finanzjarja 2006/07 huma ta' Lm14,650.00 flimkien ma' Lm2700.00 għal expert fees, filwaqt li flus din is-sena hemm ibbaġġetjati Lm16,969.00. Dawn kollha flimkien iġibu total ta' Lm34,319.

5.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona li f'dan l-istadju tintbagħat ittra lill-MEPA sabiex jiġi kkunsidrat li l-Kunsill jingħata l-finanzi mill-***Urban Improvement Fund*** biex jitwettaq dan il-proġett.

5.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ġnien Saver Zarb**

5.06 l-Kunsill ġie nfurmat li l-istima għall-embellishment ta' Ġnien Saver Zarb hija ta' Lm103,362.40 ( Ara Appendiċi 'D' ) filwaqt li finanzi mwarrba ġejjin mis-sena finanzjarja 2006/07 hemm Lm11,945.00 flimkien ma' l-ammont ta' Lm 3600.00 li ser jingħataw mill-MEPA permezz ta' l-***Urban Improvement Fund***.

5.07 Wara diskusjoni qasira ċ-Chairman ippropona li:-

- ✓ l-MP & DC tiġi mitluba tagħti stima biex jinbidlu l-bandli u jsir flooring biss.
- ✓ l-ammont ta' Lm 5000.00 li kien allokati għax-xiri ta' van żgħir jiġi trasferit għall-Proġett ta' Ġnien Saver Zarb.
- ✓ Jekk bl-istima riveduta jirriżulta li l-Kunsill ikollu biżżejjed fondi biex isiru x-xogħolijiet tinħareġ sejħa għal offerti.
- ✓ tintbagħat ittra lill-MEPA bl-istima ta' Lm 103,362.40 sabiex jiġi kkunsidrat li l-Kunsill jingħata l-finanzi mill-***Urban Improvement Fund*** biex jitwettaq dan il-proġett.

5.08 l-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

5.09 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.10 Il-Kunsillier Richard Scicluna nforma lill-Kunsill li kien ser jipprova jsib sponsors biex jinbidlu l-bandli u jsir il-flooring biss.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn 2305 sa 2340 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Inġibdet l-attenzjoni sabiex tintbagħat reminder lill-Northern Cleaning Co-op sabiex tinbidel l-iskip eżistenti li hemm fi triq Alfred Gauci u tiżdied oħra ħdejha.

8.02 Il-Kunsill ġie nfurmat ili:-

- ✓ Tħallas l-ammont ta' Lm5.00 biex twasslu l-magażines tal-Kunsill għand l-iscouts;
- ✓ Il-Kunsill ingħata Lm200 donazzjoni mingħand il-Films Production Limited peress li għamlu xi filming fil-lokalita';
- ✓ Qabel il-festa ta' San Ġiljan sar patching fit-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni u sar patching temporanju fi Triq il-Mensija;

- ✓ Nhar it-Tlieta 21 t' Awissu peress li l-Knisja kien hemm attivita' għall-anzjani b'konnessjoni mal-festa ta' San Ġiljan ingħata servizz addizzjonali tal-mini van;

- ✓ Intuża s-servizz ta' Gwardjan Lokali peress li fil-festa l-grounds ta' l-iskola primarja kienu nfetħu biex jintużaw mir-residenti;

- ✓ Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja taċ-ċertifikati li ngħatat f'ECDL Advanced, Word Processing u Excel kif ukoll ċertifikat ta' kors li attendiet fil-Euro Train the Trainer;

8.03 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilli li:-

- ✓ Ser issir applikazzjoni għad-dawl f' Wesgħet Ġużi Tanti fejn sar l-embellishment;

- ✓ Għall-ħabta ta' Novembru ser isir show ta' l-għasafar fis-sala tal-kappillan u l-ispejjeż għaliha ser ikunu ta' madwar Lm150;

- ✓ Ser jitħallsu r-reimbursements lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv;

8.04 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8.05 Nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru saret laqgħa mill-ADT, *Moving Ahead,* fejn ingħatat informazzjoni rigward talbiet li ta' sikwiet isiru mill-pubbliku u l-proċeduri li għandhom jinżammu. Kopja ta' din l-informazzjoni ngħatat lill-Kunsilliera kollha filwaqt li ġie deċiż unanimament li dawn ir-regolamenti jiġu ppublikati fil-magażine tal-Kunsill.

8.06 Il-Kunsill ġie nfurmat illi id-Drug Squad avviċinaw lill-Kunsill sabiex jekk iridu ssir laqgħa magħhom.

8.07 Ġie deċiż unanimament illi tintalab l-approvazzoni ta' l-ADT sabiex isiru l-Belisha Beacons ħdejn iż-żebra crossings li hemm:-

- ✓ Fi Triq il-Kbira ħdejn il-Knisja tal-Balluta;

- ✓ Fi Triq il-Kbira ħdejn il-Miramare Hotel;

✓ Fi Triq Mikelangelo Borg;

✓ Fi Triq Ġ.B. Olivier in-naħa tal-monument LOVE;

✓ Fi Triq Sant' Andrew

Madankollu ġie deċiż unanimament illi dawn isiru kull fejn hemm bżonn.

8.08 Meta jiġu approvati l-Belisha Beacons mill-ADT tinħareġ sejħa għall offerti.

8.09 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fis-2.20 p.m.

8.10 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-ADT fejn tintalab l-approvazzjoni biex issir żebra crossing fi Triq il-Knisja. (Il-Kunsillier Richard Scicluna għandu jimmarka s-site plan);

8.11 Tinġibed l-attenzjoni tal-ADT li l-Bus Stop li hemm quddiem il-Wembley Garage u ż-żebra crossings li saru f'Paceville huma perikolużi.

8.12 Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-Neptunes Waterpolo Club biex il-Kunsill jifirħilhom talli rebħu ċ-Championship għat-tieni sena konsekuttiva.

8.13 Il-Kunsill feraħ lis-Segretarju Eżekuttiv talli ġiet eletta fil-kumitat Eżekuttiv ta' l-ASKLM.

8.14 Tintbagħat ittra lill-Faces Consultants Ltd. sabiex jinforma lill-Kunsill meta ser jitwaħħlu l-bus shelter ta' Ta' Ġiorni u ta' Triq Sant' Andru.

8.15 Hemm bżonn li tinbidel il-mera li hemm fi Triq Lapsi, l-fuq mill-MUŻEW u ssir mera oħra fi Triq Alfred Gauci quddiem il-garaxx tas-Sur Bayliss (Is-Sindku ser jindika l-post eżatt).

8.16 Ġie deċiż li tinġibed l-attenzjoni tal-Uffiċċjal Awtorizzat li m'għandux isir parking f'Xatt is-Sajjieda.

8.17 Tinġibed l-attenzjoni tas-Shigo sabiex:-

- ✓ it-telephone booth li hemm fi Triq Ġ.B. Olivier ħdejn il-Bus Stop titneħħa u titpoġġa ħdejn it-tnejn l-oħra li hemm tal-GO.

- ✓ Isir manutenzjoni fuq il-booths kollha li għandhom fil-lokalita' peress li huma fi stat ħażin. Fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jġielhom ineħħuhom.

8.18 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-2.45 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |